*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,706, 24 ta' Settembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 371 tal-2021**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## Ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

### It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ma tidhirx intenzjoni kuntrarja, (a) kwalunkwe referenza għal persuna ta' sess maskil hija wkoll referenza għal persuna ta' sess femminili; (b) kwalunkwe referenza għal persuna ta' sess femminil hija wkoll referenza għal persuna ta' sess maskil; u (ċ) ir-referenzi għas-singular jinkludu l-plural u referenzi għall-plural jinkludu s-singular.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw flimkien mal-Istatuti, Regolamenti u Ordinamenti tal-Università l-oħra kollha inkluż partikolarment mar-Regolamenti tal-Valutazzjoni, 2009.

(4) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, it-termini wżati għandhom ifissru kif indikat fil-Glossarju ta' Termini mniżżel hawn taħt:

| Il-Glossarju ta' Termini | |
|---|---|
| **It-Terminu** | **It-Tifsira** |
| **Assenti / Assenza** | Tista' tirreferi kemm għal nuqqas ta' attendenza għal xi valutazzjoni kif wkoll għal meta student ma' jippreżentax xi xogħol għal valutazzjoni |
| **Bord** | Il-Bord ta' fakultà jew istitut jew ċentru jew skola tal-Università responsabbli minn Kors ta' wara l-Ewwel Grad partikolari. |
| **Bord tal-Istudji** | Il- Bord maħtur biex imexxi Programm ta' Studju skont dawn ir-regolamenti. |
| **Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent** | Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent maħtur għal kull Kors ta' wara l-Ewwel Grad. |
| **Dipartiment** | Id-dipartiment ta' Fakultà responsabbli minn Kors ta' wara l-Ewwel Grad. |
| **Dissertazzjoni** | Biċċa xogħol ta' kitba twila dwar suġġett approvat, normalment ibbażat fuq attivita ta' riċerka li jsir taħt superviżjoni biex ikun parzjalment jew kompletament sodisfatt ir-rekwiżit ta' programm li jwassal għall-għoti ta' grad. Id-dissertazzjoni tista tiġi sostitwità b'xogħol ta' riċerka ieħor skont ir-regolament 60 (1). |
| **Fakultà** | Il-fakultà/jiet jew l-istitut/i jew iċ-ċentru/i jew skola/skejjel tal-Università li joffru l-Kors ta' wara l-Ewwel Grad taħt il-patroċinju tagħhom. |
| **Kors ta' wara l-Ewwel Grad** | Kors ta' studji li jwassal għal Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad, li jista' jkun Ċertifikat jew Diploma ta' wara l-Ewwel Grad jew grad ta' Master. |
| **Krettu/i** | L-għadd ta' kretti mogħtija wara t-tmiem b'suċċess ta' kull Taqsima Studju. It-tqassim tal-kretti għat-Taqsimiet Studju li jagħmlu parti minn Kors ta' wara l-Ewwel Grad isegwi mill-qrib lis-Sistema Ewropea għat-Trasferiment u l-Akkumulazzjoni tal-Kretti (European Credit Transfer and Accumulation System (ECTS)) proposta mill-Kummissjoni Ewropea. |
| **Metodu ta' Valutazzjoni** | Il-valutazzjoni ta' Taqsimiet Studju mgħallma tista' ssir permezz ta' xogħol matul il-kors, assenjamenti, eżamijiet bil-miktub jew orali, jew tiżwiqa ta' dawn jew kwalunkwe metodu ieħor approvat mis-Senat, li għal kull waħda jkun assenjat persentaġġ tal-marki finali. Il-Metodu ta' Valutazzjoni jkun indikat fid-deskrizzjoni ta' kull Taqsima Studju. |
| **Ordinamenti** | L-Ordinamenti approvati mis-Senat għal kull Kors ta' wara l-Ewwel Grad. |

| | |
|---|---|
| **Portafoll** | Il-Portafoll ta' student huwa ġabra ta' xogħol akkademiku u forom oħra ta' evidenza edukattiva miġbura għall-iskop ta' (1) l-evalwazzjoni tal-kwalità tax-xogħol tal-kors, progress fit- tagħlim, u kisbiet akkademiċi; (2) biex jiġi stabbilit jekk l-istudenti jkunux laħqu l-livelli tat-tagħlim jew rekwiżiti akkademiċi oħra għall-kors/ijiet; (3) biex jgħin lill-istudenti jirriflettu fuq l-għanijiet akkademiċi u l-progress tagħhom bħala studenti; u (4) l-ħolqien ta' arkivju dejjiemi ta' xogħolijiet akkademiċi, kisbiet, u dokumentazzjoni oħra. |
| **Programm ta' Studju** | Programm ta' Studju għandu jiġbor fih it-Taqsimiet Studju kollha offruti f'kull sena ta' Kors ta' wara l-Ewwel Grad. Huwa għandu jindika liema Taqsimiet Studju huma obbligatorji jew elettivi. |
| **Qasam/Oqsma ta' Studju** | Suġġett jew grupp ta' suġġetti relatati meħuda flimkien fi Programm ta' Studju approvat. |
| **Rikonoxximent/i Universitarju/i ta' wara l-Ewwel Grad** | Ċertifikat ta' wara l-Ewwel Grad, Diploma ta' wara l-Ewwel Grad, jew grad ta' Master's mogħti skont il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti. |
| **Sena Akkademika għar-Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad** | Sena akkademika tkopri żewġ semestri, li kull wieħed jikkonsisti f'14-il ġimgħa ta' tagħlim, ġimgħatejn ta' vaganzi, u perijodi tal- eżamijiet ta' sa tlett ġimgħat u sa ħames ġimgħat fi tmiem l- ewwel u t-tieni semestru rispettivament. 60 krettu huma assenjati għal taqsimiet studju li l-istudenti huma mistennija jtemmu matul Sena Akkademika ta' studju fuq bażi *full-time.* Sena Akkademika tista' tiżdied b'semestru tas-sajf li għalih jkun hemm assenjati 30 krettu. |

| | |
|---|---|
| **Taqsima studju/ Taqsima** | Parti minn Programm ta' Studju li timxi fuq sillabu approvat mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li magħha jkun hemm marbut għadd speċifikat ta' kretti ta' livell indikat, u li tista' tiġi vvalutata għaliha. Id-deskrizzjoni tagħha tinkludi wkoll il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni kif ukoll l-isem tal-lettur/i li jgħallem/mu t-Taqsima Studju.<br>Taqsima Studju mgħallma tista' tieħu sura ta' serje ta' lekċers, seminars, laqgħat tutorjali, sessjonijiet prattiċi jew kliniċi, pjazzamenti, proġetti, xogħol individwali, jew tiżwiqa ta' ħidma bħal din, jew kull metodu ieħor ta' tagħlim. It-Taqsima Studju tar-riċerka tinvolvi l-kitba ta' Dissertazzjoni taħt superviżjoni. |
| **Taqsima studju Obbligatorja** | Taqsima Studju li wieħed għandu jsegwi u jgħaddi minnha sabiex ikun jista' jkompli jew itemm b'suċċess il-Kors ta' wara l-Ewwel Grad. |
| **Taqsima studju Elettiva** | Taqsima studju li għandha tintgħażel minn fost lista ta' Taqsimiet Studju indikati bħala tali fil-Programm ta' Studju. |
| **L-Università** | L-Università ta' Malta. |

**L-Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw minn Ottubru 2021 għall-korsijiet kollha li jwasslu għal Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad kif indikat fir-regolament 3 u li jidħlu fis-seħħ bħala Ordinamenti ta' dawn ir-regolamenti.

**Ir-Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad**

3. Ir-Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad tat-tieni ċiklu li jsiru skont dawn ir-regolamenti huma dawn li ġejjin:

(a) iċ-Ċertifikat ta' wara l-Ewwel Grad;

(b) id-Diploma ta' wara l-Ewwel Grad; u

(ċ) il-grad ta' Master's.

**L-Eliġibilità biex joffru Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad**

4. (1) Il-Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad għandhom ikunu proposti mill-Bord awtorizzat biex joffri Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad f'dak il-Qasam ta' Studju partikolari u approvati mis-Senat permezz ta' Ordinamenti għal dan il-għan.

(2) Il-Korsijiet ta' Wara l-Ewwel Grad jistgħu jkunu offruti flimkien minn iżjed minn Fakultà waħda, f'liema każ il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għandu jinkludi rappreżentanza minn kull Fakultà.

5. L-istudenti jkunu aċċettati biex jirreġistraw għal gradi ta' Master's permezz tar-riċerka wara li jkun assigurat li l-Fakultà kkonċernata tista' toffri faċilitajiet adattati għar-riċerka proposta kif ukoll superviżuri li jistgħu jipprovdu superviżjoni regolari meta jitqiesu (a) il-qasam ta' kompetenza akkademika tagħhom u (b) impenji oħra.

**L-Eliġibilità għal Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad**

6. (1) Biex jikkwalifikaw għal xi Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu reġistrati bħala studenti regolari f'Kors ta' wara l-Ewwel Grad;

(b) itemmu l-Kors ta' wara l-Ewwel Grad u jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti u fl-Ordinamenti għal Kors ta' wara l-Ewwel Grad;

(ċ) jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti f'xi statuti, regolamenti u Ordinamenti rilevanti oħra tal-Università, inklużi proċeduri etiċi, u proċeduri dwar is-saħħa u s-sigurtà applikabbli; u

(d) jiksbu mhux anqas mill-għadd ta' kretti fil-livell mhux anqas minn dak indikat hawn taħt, inklużi l-kretti kollha għal Taqsimiet Studju Obbligatorji u Elettivi kif speċifikat fil-Programm ta' Studju u/jew fl-Ordinamenti għall-kors:

| **Ir-Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad** | **Ir-Rekwiżiti** |
|---|---|
| Iċ-Ċertifikat ta' wara l-Ewwel Grad | 30 krettu, li minnhom mhux anqas minn 25 krettu jkunu ta' Livell 5 fis-Sistema Universitarja tal-Għoti tal-Kodiċi. |
| Id-Diploma ta' wara l-Ewwel Grad | 60 krettu, li minnhom mhux anqas minn 50 krettu jkunu ta' Livell 5 fis-Sistema Universitarja tal-Għoti tal-Kodiċi. |
| Il-grad ta' Master's | 90 – 120 krettu, li minnhom mhux anqas minn 80 krettu jkunu ta' Livell 5 fis-Sistema Universitarja tal-Għoti tal-Kodiċi, u inkluża dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu. |

(2) Eċċezzjonalment, is-Senat jista' japprova wkoll programmi għal Master's li għalihom hemm assenjati 60 krettu jekk dawn il-programmi jkunu offruti fi sħubija ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja prestiġjużi u/jew fil-qafas ta' ftehim internazzjonali.

(3) Skont il-provvedimenti tal-Istatut 3, fejn l-Università, bl-approvazzjoni tas-Senat, tagħmel ftehim ma' universitajiet oħra biex jingħata Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad flimkien jew duppliku/doppju, mela r-Rikonoxximent ta' wara l-

Ewwel Grad jista' jingħata:

(a) fil-każ ta' Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad mogħti flimkien, fuq ċertifikat wieħed mogħti flimkien mill-universitajiet imsieħba kollha u jingħata f'waħda mill-universitajiet imsieħba kif miftiehem bejniethom; jew

(b)fil-każ ta' Rikonoxximent ta' wara L-Ewwel Grad duppliku/doppju, separatament minn kull università msieħba, fl-liema każ, iċ-ċertifikat u t-traskrizzjoni tar-rizultati miksuba għandhom jinkludu riferenza għall-fatt li r-rikonoxximent hu rikonoxximent doppju u għall-università msieħba li qed tagħti r-rikonoxximent:

sakemm li, jekk l-università msieħba ma' tkunx tista' tati r-rikonoxximent min-naħa tagħha, l-Università tista' tati r-rikonoxximent lill-istudent sakemm l-istudent ikun isodissfa r-rekwiżiti kollha ghall-għoti tar-rikonoxximent. F'każijiet bħal dawn, iċ-ċertifikat mogħti mill-Università m'għandux jagħmel rifrenza għall-università msieħba jew li r-rikonoxximent hu rikonoxximent doppju.

(4) Is-Senat jista' japprova wkoll għotjiet interfakultattivi li jistgħu jiġu offruti minn żewġ entitajiet jew aktar tal-Università.

**It-Tipi ta' Korsijiet għal Master's**

7. (1) Kors għal Master's jista' jwassal għal tliet tipi ta' rikonoxximenti komparabbli kif ġej:

(a) grad ta' Master's miksub wara t-tmiem b'suċċess ta' Programm ta' Studju li jibni fuq il-preparazjoni akkademika miksuba fi grad tal-ewwel ċiklu, normalment speċifikat bħala Master of Arts jew Master of Science;

(b) grad ta' Master's Professjonali miksub wara t-tmiem b'suċċess ta' Programm ta' Studju li jagħti kompetenzi professjonali speċifiċi li normalment iwassal għal aċċess ta' professjoni regolata, u ġeneralment speċifikat bħala Master of (is-suġġett) jew Master in (is-suġġett); u

(ċ) grad ta' Master of Fine Arts miksub wara t-tmiem b'suċċess ta' Programm ta' Studju bbażat fuq ir-riċerka marbuta mal-prattika, ġeneralment speċifikat bħala Master of Fine Arts in (is-suġġett).

(2) Kors għal grad ta' Master of Arts jew Master of Science jew Master of Fine Arts jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka; kors għal grad ta' Master Professjonali ikun prinċipalment mgħallem. Fil-każijiet kollha, il-komponent tar-riċerka jista' jinvolvi riċerka marbuta mal-prattika.

(3) (a) Il-korsijiet prinċipalment mgħallma kollha għal Master's għandhom jipprovdu li l-istudenti jingħataw Diploma ta' wara l-Ewwel Grad f'qasam speċifikat wara t-tmiem b'suċċess ta' Taqsimiet Studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 krettu jekk l-istudenti jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors ta' wara l-Ewwel Grad, jew wara li komplew, ma jtemmux b'suċċess il-kors għal Master's. Il-klassifikazzjoni ta' din id-diploma ta' wara l-ewwel grad għandha tkun ibbażata fuq it-Taqsimiet Studju kollha li l-istudenti jtemmu b'suċċess.

(b) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, is-Senat jista' japprova Ordinamenti li ma jipprovdux l-għotja ta' Diploma ta' wara l-Ewwel Grad f'qasam speċifikat. F'dawn il-każijiet, l-istudenti li jkunu ntitolati għaliha, għandhom jingħataw Diploma ta' wara l-Ewwel Grad fil-General Studies (PG. Dip. Gen. St.) kif provdut fir-regolament 73 (2) ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-Ordinamenti jistgħu ukoll jipprovdu l-għoti ta' Ċertifikat ta' Wara l-Ewwel grad f'qasam speċifikat lil dawk l-istudenti li jkunu temmu b'suċċess Taqsimiet Studju mgħallma preskritti li għalihom hemm assenjati 30 krettu sakemm l-eżiti tat-tagħlim milħuqa wara t-tlestija ta' dawn it-Taqsimiet Studju jkunu jiġġustifikaw l-għoti ta' tali rikonoxximent.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul f'Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad**

8. (1) (a) Biex ikunu kkunsidrati għad-dħul f'Korsijiet ta' Master's, l-applikanti għandhom ikollhom grad tal-ewwel ċiklu klassifikat mill-anqas bi Grad bl-Unuri fit-Tieni Klassi jew f'Kategorija ll, miksub minn din l-Università, jew minn xi istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni għolja approvata mis-Senat għal dan il-għan, u kwalunkwe rekwiżiti oħra addizzjonali (li jistgħu jinkludu programm preparatorju) kif indikat fl-Ordinamenti għall-kors.

(b) L-Ordinamenti jistgħu jipprovdu li:

(i) jekk il-kors jinkludi komponent ta' tagħlim ta' mill-anqas 30 krettu, l-applikanti bi grad klassifikat mill-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III jistgħu jidħlu fil-Kors jekk ikollhom kwalifiki oħra jew esperjenza ta' xogħol rilevanti. Dawn l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jissodissfaw rekwiżiti addizzjonali (bħal itemmu b'suċċess programm preparatorju) kif speċifikat fl-Ordinamenti tal-kors; jew

(ii) jekk il-kors ikun prinċipalment bir-riċerka, l-applikanti bi grad klassifikat mill-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III jidħlu fi programm preparatorju u għandhom ikunu eliġibbli li jidħlu għall-kors ta' Master's jekk itemmu b'suċċess il-programm preparatorju b'marka medja ta' mill-anqas 55%.

(2) Id-dħul f'kors li jwassal għal ċertifikat jew diploma ta' wara l-ewwel grad, jista' jkun miftugħ għall-applikanti bi grad tal-ewwel ċiklu klassifikat fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III, sakemm li jekk aktar tard il-kors jiġi rivedut għal grad ta' Master's, biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu għall-parti tar-riċerka jekk ikollhom marka medja ta 55% fit-taqsimiet studju mgħallma.

9. Il-Bord tad-Dħul permezz tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà għandu jikkunsidra wkoll applikanti li għandhom kwalifika li hija offruta f'livell ogħla minn dak speċifikat fl-ordinamenti tal-kors, sakemm din tkun f'qasam ta' studju li l-Bord tad-Dħul iqis xieraq fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà.

10. Il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara li jkun eżamina bir-reqqa d-dokumenti sottomessi b'sostenn għall-kwalifiki ppreżentati, u wara li jkun intervista lill-applikanti, jista' jirrakomanda d-dħul fil-kors ta' dawk l-applikanti li jkunu

applikaw għad-dħul skont Il-Politika għar-Rikonoxximenti u l-Akkreditazzjoni ta' Tagħlim Preċedenti (*RPL*) tal-Università u li jkollhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza dokumentata jekk dawn ikunu meqjusa komparabbli għall-kwalifiki mitluba fl-Ordinamenti tal-kors li jkunu applikaw għalih. Id-dħul ta' applikanti bħal dawn jista' jkun soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti biex jagħmlu tajjeb għal xi nuqqasijiet fil-preparazzjoni akkademika tagħhom. Il-kundizzjonijiet imposti jistgħu jinkludu t-tmiem b'suċċess ta' programm preparatorju b'marka medja ta' 55%, jew Taqsimiet Studju supplimentari li jkunu jridu jsegwu qabel jew waqt il-kors.

11. L-applikanti kollha huma meħtieġa juru li l-livell tal-Ingliż tagħhom huwa sodisfaċenti, ħlief jekk it-tagħlim, ir-riċerka u l-valutazzjoni jsiru b'ilsien ieħor. Il-Bord għad-Dħul jista', minn żmien għal żmien, jippubblika l-kwalifiki li huma aċċettabbli għal kull livell ta' rikonoxximenti tal-Università, inklużi l-livell u l-gradi meħtieġa fil-kwalifika ta' profiċjenza fl-Ingliż. L-offerta ta' post f'Kors ta' wara l-Ewwel Grad tista' ssir bil-kundizzjoni li l-applikanti jiksbu dawn il-kwalifiki ta' profiċjenza qabel il-bidu ta' l-istudji tagħhom.

**Il-Programmi Supplementari u Programmi Preparatorji**

12. Fil-każ ta' applikanti li jkun jonqoshom tagħrif essenzjali f'oqsma partikolari għax ma jkunx inkluż fil-programm tal-ewwel grad tagħhom, id-dħul tagħhom jista' jkun soġġett għall-kundizzjoni li jsegwu u jgħaddu minn Taqsimiet Studju supplimentari fl-livell 4 jew anqas u li jkunu assenjati mhux aktar minn 12 il-krettu. Dawn it-Taqsimiet Studju għandhom ikunu segwiti fl-istess żmien mat-Taqsimiet Studju preskritti fil-kors u kif dirett mill-Bord tal-Istudji.

13. (1) Il-Programmi Preparatorji, meta preskritti, iridu jkunu approvati mill-Bord, u għandhom jinkludu Taqsimiet Studju li għalihom għandu jkun hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu u mhux aktar minn 60 krettu għal xogħol ta' livell għoli sal-ewwel grad f'oqsma li għandhom rilevanza diretta għall-Qasam ta' Studju fil-kors għall-Master's.

(2) Il-Programmi Preparatorji u t-Taqsimiet Studju supplimentari jaqgħu taħt ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019, sakemm li l-istudent ma jitħalliex jirreġistra għal kors ta' Master's qabel ikun spiċċa b'suċċess il-programm preparatorju.

**L-Applikazzjonijiet għal Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad**

14. L-applikazzjonijiet għal Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad mgħallma għandhom isiru fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

15. Għal grad ta' Master's prinċipalment bir-riċerka, l-applikazzjonijiet jistgħu jingħataw fi kwalunkwe żmien tas-sena iżda jkunu reġistrati b'effett minn waħda minn dawn id-dati: l-1 ta' Ottubru, l-1 ta' Diċembru, l-1 ta' Frar, l-1 ta' April u l-1 ta' Ġunju.

16. L-applikazzjonijiet għal grad ta' Master's prinċipalment bir-riċerka għandhom ikunu approvati mill-Bord u għandhom jinkludu dawn id-dettalji:

(a) it-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni;

(b) il-proposta ta' riċerka ta' mill-anqas 300 kelma, li għandha tiġi ppreżentata fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet jew sad-data stabbilità mill-Bord tal-Istudji għall-kors, wara li tkun ġiet diskussa mal-Fakultà kif ukoll ma' membru tal-istaff akkademiku li eventwalment ikun propost bħala s-superviżur; u

(ċ) dikjarazzjoni dwar jekk l-istudji humiex se jsiru fuq bażi *full-time* jew *part-time,* u, jekk tal-aħħar, l-għadd ta' siegħat li se jkunu dedikati għal dan ix- xogħol ta' riċerka.

17. Fil-każ ta' applikanti minn barra minn Malta, ir-rekwiżiti ta' finanzjament u viża jitqiesu meta l-applikazzjoni u l-proposta ta' riċerka jkunu qed jiġu kkunsidrati.

**It-Tul tal-Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad**

18. (1) It-tul tal-Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad ikun speċifikat fl-Ordinamenti għal kull kors iżda għandu jinfirex fuq dawn il-perijodi ta' studju fuq bażi *full-time*:

(a) semestru għal korsijiet li jwasslu għal ċertifikat ta' wara l-ewwel grad;

(b) żewġ semestri għal korsijiet li jwasslu għal diploma ta' wara l-ewwel grad; u

(ċ) bejn tliet u erba' semestri għal korsijiet li jwasslu għal grad ta' Master's.

(2) Applikanti li jkunu f'impieg *full-time* ma jitħallewx jirreġistraw bħala studenti *full-time*, ħlief meta jġiebu prova li min iħaddimhom lest li jtiehom ħin biżżejjed frank mix-xogħol sabiex ikunu jistgħu jistudjaw *full-time.* Applikanti li jkunu f'impieg *part-time* huma obbligati jinfurmaw lill-Università dwar kemm il-siegħa huma impenjati jaħdmu fl-impieg *part-time* tagħhom u għandhom jitolbu permess minn għand il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà biex ikunu jistgħu jirreġistraw bħala studenti *full-time*.

**L-Estensjoni tal-Istudji**

19. (1) Il-Bord jista' jagħti lill-istudenti rreġistrati fuq Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad estensjoni ta' sa sitt xhur biex jagħmilha possibbli li jtemmu l-istudji tagħhom, irrispettivament minn jekk humiex irreġistrati fuq bażi *full-time* jew *part-time*.

(2) F'ċirkostanzi speċjali u fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, is-Senat jista' jagħti lill-istudenti estensjoni oħra ta' sa sentejn biex jagħmilha possibbli li jtemmu l-

istudji tagħhom, irrispettivament minn jekk humiex irreġistrati fuq bażi *full-time* jew *part-time*.

**Is-Sospensjoni tal-Istudji**

20. (1) Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti, għal raġuni tajba u suffiċjenti, jissospendu l-istudji tagħhom għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar, irrispettivament minn jekk humiex irreġistrati fuq bażi *full-time* jew *part-time*. F'dawn il-każijiet, il-perjodu ta' sospensjoni mill-istudji ma jitqiesx meta jkun ikkalkolat il-perjodu ta' reġistrazzjoni fil-Kors ta' wara l-Ewwel Grad għall-fini tar-rekwiżit tat-tul tal-kors.

(2) F'ċirkostanzi eċċezzjonali jew pesonali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jagħti perjodu addizzjonali ta' sospensjoni tal-istudji.

(3) L-istudent li jkun mogħti sospensjoni mill-istudju m'għandu jsegwi l-ebda Taqsima Studju, joqgħod għal xi eżami jew jaħdem fuq id-Dissertazzjoni.

**Il-Kalendarju Akkademiku għal Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad**

21. (1) Il-kalendarju akkademiku għal Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad hu kif iddefinijt fil-Glossarju ta' Termini, sakemm iżda, meta s-sena akkademika għal xi programm ta' studju tkun estiża b'semestru tas-sajf, il-vaganzi tas-sajf jistgħu jitqassru għal ġimgħatejn f'Awissu.

(2) L-eżamijiet supplimentari jsiru jew f'Settembru jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss.

**L-Attendenza**

22. (1) Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Ordinamenti ta' xi Kors ta' wara l-Ewwel Grad, jew stipulat b'mod espliċitu fid-deskrizzjoni ta' Taqsima Sudju kif ippubblikata fil-katalgu ta' Taqsimiet Studju, l-attendenza għall-lekċers, sessjonijiet tutorjali, *seminars*, sessjonijiet prattiċi jew kliniċi jew pjazzamenti fuq xogħol, *fieldwork* jew kwalunkwe sessjoni ta' tagħlim oħra, ssir b'liema mod issir, hija obbligatorja. Lekċerer jista', abbażi ta' evidenza dokumentata, ma jħallix student joqgħod għal valutazzjoni ta' taqsima studju meta l-attendenza ta' dak l-istudent għal dik it-Taqsima Studju ma tkunx sodisfaċenti, f'liema każ tingħata u tkunu rekordjata marka ta' 0 u grad F.

(2) L-Università ma tiskużax lil dawk l-istudenti li jfallu lekċers jew attivitajiet ta' tagħlim oħra, u lanqas ma tittollera s-sottomissjoni tard ta' xogħol assenjat, jew kwalunkwe nuqqas fix-xogħol ta' matul il-kors, minħabba impenji ta' xogħol jew impenji oħra mhux awtorizzati. Ma jsir l-ebda bdil ta' data jew ħin skjedat għall-attivitajiet ta' tagħlim jew għal kull xorta ta' valutazzjoni, biex jakkomoda tali impenji tal-istudenti.

**Il-Bord tal-Istudji**

23. Il-Bordijiet tal-Istudji għall-korsijiet kollha għandhom ikunu maħtura mis-Senat tal-Università sa Settembru għal perjodu ta' Sena Akkademika waħda.

24. Kull Fakultà għandha tirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bordijiet tal-Istudji għall-korsijiet li huma mmexxija taħt il-patroċinju ta' dik il-Fakultà. Meta jagħmel dan, il-Bord ikun qiegħed jimmira li jilħaq l-aħjar arranġament għall-ħatra ta' Bord tal-Istudji għal kors wieħed jew għal aktar korsijiet immexxija taħt il-patroċinju tiegħu.

25. Is-Senat jista' japprova l-ħatra ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) Bord tal-Istudji għal Qasam ta' Studju wieħed għal kors, meta il-kors jikkonsisti minn Qasam ta' Studju wieħed biss;
(b) Bord tal-Istudji għal kors li jikkonsisti f'aktar minn Qasam ta' Studju wieħed offruti flimkien f'dak il-Kors;
(ċ) Bord tal-Istudji wieħed għal għadd ta' korsijiet offruti taħt il-patroċinju ta' Fakultà, fejn dan l-arranġament huwa l-aktar xieraq;
(d) Bord li jiġi mqabbad biex iwettaq il-funzjonijiet ta' Bord tal-Istudji; u
(e) kwalunkwe kombinazzjoni minn dawk imsemmija hawn fuq li s-Senat jista' japprova minn żmien għal żmien għal korsijiet offruti taħt il-patroċinju ta' Fakultà.

26. (1) Il-Bordijiet tal-Istudji għandhom ikunu magħmula kif ġej:

(a) fil -każ tar-regolament 25 (a), il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) il-kap tad-dipartiment responsabbli mill-Qasam ta' Studju jew id-delegat tiegħu bħala *chair*; (ii) mill-anqas żewġ membri akkademiċi oħra; u (iii) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-kors;

(b) fil-każ tar-regolament 25 (b), il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) il-kapijiet tad-dipartimenti responsabbli għall-Oqsma ta' Studju kkonċernati, jew id-delegati tagħhom, li wieħed minnhom għandu jkun maħtur bħala *chair*; (ii) mill-anqas membru akkademiku ieħor minn kull wieħed mid-dipartimenti l-oħra kkonċernati; u (iii) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-kors;

(ċ) fil -każ tar-regolament 25 (ċ), il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) il-koordinaturi ta' għadd ta' korsijiet offruti taħt il-patroċinju ta' Fakultà, jew id-delegati tagħhom; wieħed minn dawn il-koordinaturi tal-kors għandu jkun maħtur bħala *chair*; (ii) mill-anqas membru akkademiku ieħor li jgħallem fuq kull kors ikkonċernat; u (iii) żewġ studenti eletti mill-istudenti rreġistrati fil-korsijiet; u

(d) fil-każ tar-regolament 25 (d), il-Bord għandu jiġi nnominat mis-Senat biex jaqdi l-funzjonijiet ta' Bord tal-Istudji.

(2) Fil-każ ta' kors offrut minn żewġ Fakultajiet jew aktar, is-Senat jista' jaħtar, fuq rakkomandazzjoni konġunta tal-Fakultajiet konċernati, Bord tal-Istudji bejn il-Fakultajiet. Dan il-Bord tal-Istudji għandu jkun magħmul minn: (i) id-Dekan

jew delegat tiegħu ta' kull Fakultà kkonċernata; (ii) għall-anqas żewġ membri akkademiċi oħra minn kull Fakultà kkonċernata; u (iii) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-kors. Wieħed mid-Dekani għandu jkun maħtur *chair*. It-termini ta' referenza ta' dan il-Bord tal-Istudji huwa biex jiżgura koordinazzjoni aħjar tal-Programmi ta' Studju fejn it-Taqsimiet Studju huma offruti minn Fakultajiet differenti.

(3) Il-Fakultajiet jistgħu jipproponu bħala membri fuq il-Bordijiet tal-Istudji sa żewġ esperti fl-oqsma tal-Programm ikkonċernat.

(4) L-amministraturi mill-Fakultajiet konċernati kollha għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Istudji.

27. Il-funzjonijiet tal-Bordijiet tal-Istudji għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) it-twettiq tar-regolamenti u l-Ordinamenti li jirregolaw il-Programm ta' Studju, suġġett għall-istruzzjonijiet ġenerali mogħtija mill-Bord ikkonċernat;

(b) l-osservazzjoni u l-valutazzjoni tal-Programm/i ta' Studju;

(ċ) jagħmel proposti lill-Bord għar-reviżjoni tal-Programm/i ta' Studju; u

(d) il-monitoraġġ tal-valutazzjonijiet u tal-proċeduri użati fil-valutazzjoni tal-livell milħuq mill-istudenti.

**Il-Programmi ta' Studju għar-Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad Prinċipalment Mgħallma**

28. (1) Il-Programmi ta' Studju għandhom ikunu proposti minn dipartiment jew minn aktar minn Dipartiment wieħed flimkien, u għandhom ikunu approvati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) Il-Bord għandu jaħtar kap tad-dipartiment jew minn membru tal-istaff akkademiku ieħor bħala l-ko-ordinatur tal-Programm ta' Studju tal-kors.

29. Il-Programmi ta' Studju għandhom ikunu ppubblikati qabel il-bidu ta' kull Kors ta' wara l-Ewwel Grad, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tiegħu. Il-Programmi ta' Studju għandhom jinkludu t-Taqsimiet Studju kollha, u għandhom jindikaw liema Taqsimiet Studju huma Obbligatorji jew Elettivi, u l-ordni kif għandhom jittieħdu.

30. L-Università tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-Programmi ta' Studju ppublikati jkunu sħaħ u aġġornati, imma tirriserva d-dritt li tagħmel tibdil fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord relevanti.

**It-Taqsimiet Studju**

31. It-Taqsimiet Studju għandhom ikunu proposti mid-Dipartiment jew minn għadd ta' Dipartimenti responsabbli għat-tagħlim tal-Qasam/tal-Oqsma ta' Studju fil-Kors ta' wara l-Ewwel Grad u approvati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

32. It-taqsimiet studju għandhom ikunu assenjati kodiċi mill-Uffiċċju tar-Reġistratur skont il-prinċipji mniżżla fl-Iskeda 1 – is-Sistema tal-Assenjar tal-Kodiċi għat-Taqsimiet Studju – mehmuża mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.

33. It-Taqsimiet Studju fil-Korsijiet ta' wara l-Ewwel Grad kollha għandhom normalment ikunu offruti fil-livell ħamsa. Kull Taqsima Studju mgħallma għandha normalment tkun assenjata mhux anqas minn ħames kretti u mhux aktar minn tletin krettu, preferibbilment f'multiplu ta' ħames kretti.

34. It-Taqsimiet Studju kollha jkunu assenjati valur ta' krettu skont is-Sistema Ewropea għat-Trasferiment u l-Akkumulazzjoni tal-Kretti u l-kretti jingħataw lill-istudenti li jgħaddu mill-valutazzjoni tat-Taqsima.

35. Il-Metodu ta' Valutazzjoni għal kull Taqsima Studju għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-Taqsima Studju u ppubblikat fil-katalgu tat-Taqsimiet Studju. Jekk il-Metodu ta' Valutazzjoni jkollu aktar minn komponent ta' valutazzjoni wieħed, il-piż % ta' kull komponent għandu jingħata. L-istudenti jingħataw il-kretti għal Taqsima jekk huma jiksbu marka globali li għaddew għat-Taqsima sħiħa:

sakemm li fil-każ ta' Taqsimiet Studju li jinkludu komponent prattiku, is-Senat jista' japprova li l-istudenti jridu jġiebu marka ta' mill-anqas 45% fl-evalwazzjoni ta' tali komponent biex huma jgħaddu mit-Taqsima Studju.

36. L-istess Taqsimiet Studju ma jistgħux jgħoddu għal żewġ Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad separati ħlief jekk waħda mill-kwalifiki hija kkunsidrata mis-Senat li hija kwalifika li twassal għal progressjoni normali għall-kwalifika oħra ta' livell ogħla:

sakemm li Bord tal-Istudji jista' jeżenta student mir-rekwiżit tal-attendenza għal Taqsima Studju Obbligatorja li l-krettu għaliha kien inkiseb għal rikonoxximent ieħor, għalkemm student bħal dan xorta jkun meħtieġ li jkun valutat fit-Taqsima.

37. Il-kretti għat-Taqsimiet Studju normalment ma jistgħux jintużaw għal rikonoxximent wara li jkunu għaddew seba' snin mit-tmiem b'suċċess tat-Taqsima:

sakemm li meta kretti għal aktar minn Taqsima Studju waħda jkunu trasferiti lejn kors ieħor, is-seba' snin jingħaddu mid-data ta' meta kien mogħti l-aħħar krettu.

38. Suġġett għall-provvedimenti deskritti fir-regolamenti 36 u 37, l-istudenti li jiksbu kretti meta jkunu rreġistrati f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuti jista' jkollhom il-kretti aċċettati mill-Bord tal-Istudji biex ikunu trasferiti

fi Programm ta' Studju speċifiku, iżda mhux fi Programm li jwassal għal Ċertifikat Universitarju:

sakemm li f'kull rikonoxximent tal-Università, mhux anqas minn nofs il-kretti tal-programm tal-kors ikunu mogħtija mill-Università. F'dawn il-każijiet, il-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent tinħadem biss bil-kretti li nkisbu mill-Università ta' Malta. Dan il-provvediment ma japplikax għal studenti li jieħdu sehem fi programmi ta' skambju barra minn Malta approvati mill-Università,.

**Ir-Reġistrazzjoni għat-Taqsimiet Studju**

39. L-istudenti għandhom jirreġistraw għat-Taqsimiet S tudju preskritti fil-Programm ta' Studju tagħhom fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur. Huma ma jkunux ikkunsidrati bħala studenti fuq Taqsima Studju jekk ma jkunux irreġistraw b'dan il-mod.

**Il-Bordijiet tal-Eżaminaturi għat-Taqsimiet Studju Mgħallma**

40. It-Taqsimiet Studju mgħallma jkunu eżaminati minn Bord tal-Eżaminaturi magħmul minn mhux anqas minn 3 persuni, li jinkludu iċ-*chair* li ma jgħallimx it-Taqsima, u l-lettur/i li jgħallem/jgħallmu t-Taqsima.

**Programmi ta' Studju għal Grad ta' Master Prinċipalment bir-Riċerka**

41. Il-grad ta' Master's miksub prinċipalment bir-riċerka għandu jesiġi li l-istudenti jirreġistraw mill-anqas għal żewġ Taqsimiet Studju, li waħda minnhom tkun Taqsima Studju li tikkonsisti minn xogħol ta' riċerka taħt superviżjoni li jwassal għall-kitba ta' Dissertazzjoni, li għaliha mhux anqas minn 60 krettu huma assenjati.

42. L-istudenti rreġistrati għal gradi ta' Master's prinċipalment bir-riċerka jistgħu jitħallew jieħdu sehem fi proġetti ta' riċerka ma' oħrajn fejn dejta ġenerata flimkien minn grupp ta' riċerkaturi tkun użata għall-kitba ta' Dissertazzjoni, sakemm li kull student jikteb dissertazzjoni separata.

**Il-Lingwa tat-Tagħlim u l-Valutazzjoni**

43. Il-lingwa tat-tagħlim u tal-valutazzjoni għandha tkun l-Ingliż, ħlief li għall-Oqsma ta' Studju li jinvolvu t-tagħlim dwar lingwa, it-tagħlim u l-valutazzjoni jistgħu isiru b'dik il-lingwa. Is-Senat jista' wkoll japprova t-tagħlim ta' kwalunkwe Taqsima Studju bil-Malti jew b'xi lingwa oħra.

**L-Immarkar u l-Iggradar tat-Taqsimiet Studju**

44. L-eżaminaturi għandhom ifissru l-livell milħuq mill-istudenti fil-valutazzjoni tat-Taqsimiet Studju kollha, inkluża d-Dissertazzjoni, bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt. Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom ikunu mniżżla fir-rekord akkademiku tal-istudenti. Il-marka perċentwali biss għandha tintuża għall-għan biex ikun ikkalkulat il-progress tal-istudenti u għall-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent.

| Id-Deskrizzjoni | Il-Firxa tal- Marki | Il-Grad |
|---|---|---|
| **Xogħol eċċellenti**<br>Rendiment superjuri li jixhed li l-istudent fehem fil-wisa' u b'mod kritiku is-suġġett u għaraf jappikah. Xhieda ta' qari/riċerka/xogħol addizzjonali estensiv. | 80% - 100% | A |
| **Xogħol tajjeb ħafna**<br>Rendiment li jixhed għarfien tajjeb ħafna tas-suġġett. Xhieda ta' ammont ġmielu ta' qari/riċerka/xogħol addizjonali. | 70% - 79% | B |
| **Xogħol ta' kwalità fil-medja**<br>Rendiment fil-medja, b'għarfien tajjeb tas-suġġett. Xhieda ta' qari/riċerka/xogħol biżżejjed. | 55% **- 69% | C |
| **Xogħol mhux ħażin iżda anqas mill-medja**<br>L-istudent wera li fehem il-qofol tas-suġġett iżda kiseb għarfien mhux sħiħ tas-suġġett. Xhieda ta' mhux wisq qari/riċerka/xogħol. | 50% - 54% | D |
| **Xogħol ta' kwalità marġinali**<br>Xogħol li jixhed għarfien minimu tas-suġġett, bl-ebda xhieda ta' qari/riċerka/xogħol addizzjonali. Din il-marka/grad jeħtieġ li tkun kumpensata b'marki ogħla f'Taqsimiet S tudju oħra biex l-istudent ikun eliġibbli għar-Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad. | 45% - 49% | E |
| **Xogħol mhux sodisfaċenti, li bih l-istudent ma jgħaddix f'xi Taqsima Studju iżda dan ma jgħoddx għad Dissertazzjoni.** | 0% - 44% | F |
| **Xogħol batut fid-Dissertazzjoni** li bih l-istudent ma jgħaddix f'dik it-taqsima studju. | 0% - 49%* | F |
| **Prestazzjoni mhux sodisfaċenti li biha l-istudent ma jgħaddiex minn Taqsima Studju li tinvolvi pjazzamenet fuq xogħol (*practikum*),** meta dan ikun hekk indikat fl-Ordinamenti tal-kors. | 0% - 54%** | F |
| **Assenza mill-valutazzjoni mhux ġustifikata, jew nuqqas ta' preżentazzjoni fil-ħin tax-xogħol assenjat, inkella ineliġibilità għall-valutazzjoni minħabba Assenza bla permess mil-lekċers**. Meta titkejjel il-marka medja, din għandha titqies bħala F u marka 0. | 0% | F |

* L-anqas marka li student irid iġib biex jgħaddi fid-Disertazzjoni hi 50%.

** L-anqas marka li student irid iġib biex jgħaddi f'Taqsima Studju li tinvolvi valutazzjoni ta' pjazzament fuq xogħol (*practicum*), meta dan ikun hekk indikat fl-Ordinamenti tal-kors.

45. Dawn il-gradi li ġejjin meta mogħtija għal xi Taqsima Studju ma jitqisux għall-fini ta' komputazzjoni għall-progress tal-istudent jew għall-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent, imma għandhom jifformaw parti mir-rekord akkademiku tal-istudent:

| Il-Grad | Id-Deskrizzjoni |
|---|---|
| **P** | Għadda – meta l-valutazzjoni tkun ibbażata fuq bażi ta' Għadda/Weħel. |
| **I** | Grad temporanju għal (a) xogħol Inkomplet għal raġunijiet validi (mard, Assenza approvata, eċċ) meta d-data tal-valutazzjoni tkun ġiet posposta jew meta d-data finali għall-preżentazzjoni tax-xogħol tkun ġiet imtawla; jew (b) xogħol li qed jiġi kkunsidrat f'termini tal-proċeduri dixxiplinarji stipulati fir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009. |

**Il-Valutazzjoni u l-Valutazzjoni mill-Ġdid tat-Taqsimiet Studju**

46. Il-valutazzjoni ta' kull Taqsima Studju mgħallma għandha issir fl-aħħar tas-semestru li fih kienet mgħallma it-Taqsima Studju konċernata.

47. L-istudenti li jeħlu minn xi Taqsima Studju Mgħallma huma ntitolati għal valutazzjoni mill-ġdid darba biss. L-ogħla marka/Grad li tista' tingħata fil-valutazzjoni mill-ġdid hi 45% Grad E.

48. Dawk l-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu minn Taqsimiet Studju li bejniethom huma assenjati aktar minn 20 krettu ma jkunux intitolati għal valutazzjoni mill-ġdid tat-Taqsimiet Studju li jkunu weħlu fihom u jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

49. Dawk l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid jeħlu minn xi Taqsima Studju Obbligatorja, jew minn numru ta' Taqsimiet Studju Elettivi li bejniethom ikunu assenjati aktar minn 12-il krettu ikunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

50. (1) Jekk wara valutazzjoni mill-ġdid, student jeħel minn xi Taqsima Studju Elettiva, il-Bord, wara konsultazzjoni mal-kap tad-dipartiment konċernat u/jew mal-Bord tal-Istudji, jista' jħalli lil dak l-istudent jirreġistra għal Taqsimiet Studju alternattivi mill-lista ta' Taqsimiet Studju Elettivi fil-Programm ta' Studju (jekk ikun hemm disponibbli), sakemm dawn ma jkunux assenjati aktar minn 12-il krettu bejniethom. Jekk ma jkunx hemm Taqsimiet Studju Elettivi disponibbli, l-istudent ikun meħtieġ jirtira mill-Kors.

(2) Il-Bord jista' jħalli student jirreġistra għal Taqsimiet Studju Elettivi skont il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jew f'sena ta' studju addizjonali, jew fis-sena ta' wara tal-Kors, f'liema każ ikunu evalwati b'żieda mat-Taqsimiet Studju ta' dik is-sena.

(3) L-ogħla marka li tista' tingħata fil-valutazzjoni ta' Taqsima Studju li student ikun irreġistra għaliha bħala alternattiva għal Taqsima Studju Elettiva li jkun

weħel fiha hi 45% Grad E, kemm fl-ewwel valutazzjoni kif wkoll, eventwalment, f'valutazzjoni mill-ġdid.

(4) Dawk l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid jeħlu minn Taqsima Studju li jkunu rreġistraw għaliha bħala alternattiva għal-Taqsima Studju Elettiva li jkunu weħlu fiha jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

51. Dawk l-istudenti li jeħlu minn Taqsima Studju li tinvolvi pjazzament fuq xogħol, prattika klinika jew kwalunkwe Taqsima oħra fejn ma jkunx prattiku jew possibli li t-Taqsima tkun valutata mill-ġdid matul is-sena kurrenti, ma jkollhomx id-dritt li jkunu valutati mill-ġdid f'dik l-istess Sena Akkademika u għandhom ikunu meħtieġa li:

jew (i) jirreferu dik it-Taqsima Studju għas-sena ta' wara sakemm biż-żieda tagħha mal-programm ta' studju ta' dik is-sena in-numru totali ta' kretti ma' jaqbiżx it-72 krettu;

jew (ii) jirrepetu dik it-Taqsima Studju matul sena addizzjonali li iżda ma tingħadx għall-iskop li jkun ikkalkulat kemm ħadu żmien biex temmew il-Kors.

Il-Kondizzjonijiet għal valutazzjoni mill-ġdid ta' Taqsimiet ta' Studju bħal dawn għandhom ikunu indikati fid-deskrizzjoni tat-Taqsima Studju u fl-Ordinamenti tal-kors.

52. Jekk student jeħel fid-Dissertazzjoni, l-ogħla marka li tista' tingħata għall-valutazzjoni mill-ġdid hi 50%/Grad D.

53. Jekk student jeħel fi pjazzament fuq xogħol (*practicum*), meta jkun indikat fl-Ordinamenti tal-kors li biex student jgħaddi jrid iġib 55%, l-ogħla marka li tista' tingħata għall-valutazzjoni mill-ġdid hi 55%/Grad C.

54. L-istudenti m'għandhomx jitħallew joqogħdu għal valutazzjoni mill-ġdid ta' Taqsima Studju jekk huma jkunu diġà għaddew u ngħataw krettu għaliha.

55. Meta student ikun Assenti għal valutazzjoni ta' Taqsima Studju għal raġuni meqjusa bħala valida mis-Senat, hu jkollu d-dritt għal valutazzjoni fl-opportunità disponibbli li jmiss, jekk ikun hemm bżonn jirreferi il-valutazzjoni għas-sena ta' studju li jmiss jew għal sena addizzjonali, sakemm li dawk l-istudenti li wara is-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jkun jonqoshom aktar minn 12-il krettu biex jikkompletaw is-sena ta' studju, inkluż xi kretti għal Taqsimiet ta' Studju li jkunu rreġistraw għalihom bħala alternattiva għal Taqsimiet Studju Elettiva, jkunu meħtieġa jikkompletaw dawn il-kretti f'sena addizzjonali ta' studju.

56. Jekk wara li student ikun ikkompleta sena ta' studju f'sena addizzjonali, il-programm ta' studju għas-sena li jmiss ma jkunx disponibbli, l-Università ma tkunx obbligata tipprovdi dik is-sena tal-programm u l-istudent ikollu jew jissospendi l-istudji tiegħu sakemm dik is-sena tal-programm terġa tkun disponibbli, jew jittrasferixxi l-istudji tiegħu għal kors ieħor jekk dan ikun possibbli, jew jirtira mil-

kors u jirċievi dak ir-rikonoxximent għal parti tal-programm ta' studju li jkun kkompleta.

57. Kull kwistjoni dwar il-valutazzjoni tat-Taqsimiet Studju li ma hiex ittrattata f'dawn ir-regolamenti għandha tkun irregolata mir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009.

**Il-Progressjoni minn Sena għal Oħra u r-Registrazzjoni ta' Kull Sena f'Korsijiet ta' Wara l-ewwel Grad**

58. L-istudenti rreġistrati f'Kors ta' Wara l-Ewwel Grad prinċipalment mgħallem li jestendi fuq aktar minn Sena Akkademika jitħallew jirreferu Taqsimiet Studju għal sena sussegwenti kif stipulat fir-regolamenti 50 (1), 51, u 55. Dawn l-istudenti għandhom jitqiesu li jkunu għamlu progress b'kundizzjoni.

59. (1) L-istudenti huma meħtieġa jinkitbu fil-Korsijiet ta' Wara l-Ewwel Grad meta jibda l-kors u jirreġistraw fil-bidu ta' kull Sena Akkademika matul il-perjodu ta' studju tagħhom kollu, kemm jekk ikunu qed isegwu kors prinċipalment mgħallem u kemm jekk prinċipalment bir-riċerka.

(2) L-istudenti miktuba f'kors prinċipalment bir-riċerka jitħallew jirreġistraw għas-sena ta' wara jekk ikun hemm rapport sodisfaċenti dwar il-progress tagħhom mis-Superviżur prinċipali.

**Id-Dissertazzjonijiet**

60. (1) Il-programmi kollha għal grad ta' Master's għandom jinkludu l-preżentazzjoni ta' Dissertazzjoni, li għaliha għandom ikunu assenjati mhux anqas minn 30 krettu, sakemm li meta n-natura tal-istudju teħtieġ, is-Senat tal-Università jista' japprova programmi ta' studju li fihom id-Dissertazzjoni tkun issostitwita b'attività dokumentata (*portafoll*) relatata mal-prattika jew rapport ta' proġett, jew attivita' oħra flimkien ma' biċċa xogħol miktuba bbażata fuq riċerka marbuta mal-prattika jew riċerka relatata mal-prattika. Taqsimiet Studju bħal dawn b'sostituzzjoni għad-Dissertazzjoni għandhom ikunu assenjati mhux anqas minn total ta' 30 krettu.

(2) Is-superviżjoni tal-istudenti għad-Dissertazzjoni għandha tkun regolata skont il-provvedimenti tar-regolament 63 u 64.

(3) Id-Dissertazzjonijiet ikunu valutati skont il-provvedimenti tar-regolamenti 65 u 66.

(4) Qabel ma jiggradwaw, u fejn applikabbli l-istudenti għandhom jippreżentaw kopja tad-Dissertazzjoni tagħħhom f'forma elettronika lill-Librerija tal-Università. L-istudenti għandhom jippreżentaw ukoll kopji tad-Dissertazzjoni tagħħhom lill-Fakultà skont kif indikat fl-Ordinamenti jew fil-linji gwida tal-Fakultà. Il-versjoni elettronika għandha tikkonforma mall-livelli stabbiliti mill-Librerija tal-Università. L-Università tirriserva d-dritt li tipprojbixxi lill-istudenti milli jiggradwaw jekk ma jissottomexxux il-kopji b'legatura iebsa jew elettroniċi, kif mitlub.

(5) Meta jippreżentaw id-Dissertazzjoni għall-eżaminazzjoni, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Fakultà dikjarazzjoni ta' awtenticità ffirmata, fejn jikkonfermaw li huma mxew mal- Proċeduri tal-Universitá għall-Analiżi tal-Etika fir-Riċerka, fejn applikabbli. L-istudenti jkunu meħtieġa wkoll jikkonfermaw li x-xogħol ġie sottomess permezz ta' *software* għall-iskoperta tal-plaġjariżmu approvat mill-Universitá.

(6) L-istudenti ma jistgħux jippreżentaw id-Dissertazzjoni sakemm ma jkunux temmew b'suċċess it-Taqsimiet Studju mgħallma kollha fil-programmi rispettivi. Jekk id-Dissertazzjoni tiġi sottomessa qabel ma l-istudent ikun temm il-komponent mgħallem din ma tkunx tista tiġi valutata sakemm l-istudent ma jkunx temma b'suċċess it-Taqsimiet Studju mgħallma kollha fil-programmi rispettivi.

**L-Approvazzjoni tal-Etika tal-Programmi ta' Riċerka**

61. L-istudenti kollha huma marbuta li jirrispettaw il-Kodiċi ta' Prattika Għar-Riċerka tal-Università u li jimxu mal-Proċeduri tal-Universitá għall-Analiżi tal-Etika fir-Riċerka.

**Il-Lingwa tad-Dissertazzjoni**

62. (1) Id-dissertazzjonijiet għar-Rikonoxximenti kollha ta' wara l-Ewwel Grad għandhom jinkitbu bl-Ingliż, ħlief li meta l-Qasam ta' Studju tad-Dissertazzjoni jkun xi lingwa, il-Bord jista' jeħtieġ jew jagħti permess li d-Dissertazzjoni tinkiteb b'dik il-lingwa.

(2) Madankollu, wara l-approvazzjoni mis-Senat, il-Bord jista' jħalli lil xi studenti partikolari, għal xi raġunijiet ġusti u suffiċjenti, jiktbu d-Dissertazzjoni tagħhom b'xi lingwa oħra sakemm li l-Bord ikun aċċerta ruħu, għas-sodisfazzjon tas-Senat, li l-Università għandha r-riżorsi umani bil-kompetenzi meħtieġa biex tipprovdi superviżjoni u teżamina x-xogħol. F'dawn il-każijiet, l-istudenti jkunu meħtieġa jinkludu sommarju estensiv (madwar 2000 kelma) bl-Ingliż.

**Is-Superviżjoni ta' Dissertazzjonijiet għal Master's**

63. (1) Fil-każ ta' gradi għal Master's, il-Bord għandu jaħtar superviżur prinċipali għal kull student.

(2) Jekk in-natura/is-suġġett ta' riċerka jeħtieġ l-għajnuna ta' speċjalista ieħor, il-Bord jista' jaħtar ko-superviżur, f'liema każ iż-żewġ superviżuri għandhom jiltaqgħu mal-istudent flimkien biex jiddeċiedu kif se jaqsmu r-responsabbiltà tagħhom biex jagħtu l-pariri lill-istudent u kif se jsiru l-laqgħat fil-futur.

(3) Meta ko-superviżur ikun maħtur, is-Superviżur prinċipali għandu jkollu r-responsabbiltà finali biex imexxi s-superviżjoni.

(4) Is-Superviżur prinċipali jew il-ko-superviżur ma għandux ikun jiġi mill-istudent b'konsangwinità jew b'affinità sat-tielet grad inkluż jew ikollu xi forma ta' relazzjoni oħra mal-istudent, kif definit fid-dokument: *Consanguinity/Affinity/Dual Relationship Policy in relation to Examiners/Supervisors and Students* approvat mis-Senat.

(5) Is-Superviżuri prinċipali jkunu responsabbli biex jipprovdu gwida lill-istudenti tagħhom f'dawn l-oqsma:

(a) jgħinu lill-istudenti biex jagħżlu u jiżviluppaw problema ta' riċerka u jifformulaw proposta bil-miktub għad-Dissertazzjoni tagħhom;

(b) joffru ideat u jipprovdu gwida u inkoraġġiment dwar l-ippjanar u l-progress tar-riċerka, is-sottomissjoni tad-Dissertazzjoni, u l-pubblikazzjoni tar-riżultati;

(ċ) jipprovdu jew jagħmlu arranġamenti għall-istruzzjoni fil-metodoloġija tar-riċerka, inkluża l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-użu ta' *software* li jgħaraf każi ta' plaġjariżmu;

(d) jiggwidaw lill-istudenti biex jiksbu u jtejbu l-kapaċitajiet ġeneriċi xierqa, inkluża l-komunikazzjoni bil-miktub u orali, il-kultura bażika matematika u xjentifika, il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet, u l-kapaċitajiet organizzattivi u tat-tmexxija;

(e) jiżguraw li l-istudenti jafu kif jirraportaw ir-riżultati tar-riċerka u li jifhmu l-implikazzjonijiet tal-plaġjariżmu u prattiċi akkademiċi oħra mhux xierqa; u

(f) materji oħra li jeħtieġu l-attenzjoni tal-Bord jew tas-Senat.

(6) Is-Superviżuri prinċipali għandhom jiltaqgħu mal-istudenti regolarment biex jirrevedu l-progress. Il-laqgħat jistgħu jkunu sostitwiti b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni li jkunu jistgħu jiġu verifikati.

(7) La s-superviżuri prinċipali u lanqas il-ko-superviżuri ma huma responsabbli għal qari tal-provi tad-Dissertazjonijiet u lanqas li jassiguraw li d-Dissertazzjonijiet m'għandhomx partijiet plaġjariżżati.

(8) Jekk is-superviżuri jindunaw b'każi ta' plaġjariżmu f'abbozz ta' xi Disertazzjoni qabel ma' tkun sottomessa formalment għall-eżami, huma għandhom jesiġu lill-istudenti konċernati jieħdu azzjoni korrettiva.

(9) Għal xogħol ippreżentat minflok id-Dissertazzjoni skont ir-regolament 60(1), is-supervizzjoni tax-xogħol għandu jkun irregolat mill-gwidi linji maħruġin mill-Bord.

64. (1) L-Ordinamenti għandhom jistabbilixxu l-metodi u jistipulaw il-proċeduri biex il-progress tal-istudenti matul l-istudji tagħhom ikun segwit sew.

Dawn għandhom jinkludu miżuri biex jiżguraw li rapporti bil-miktub dwar il-progress jintbgħatu regolarment mis-Superviżuri prinċipali lill-kumitat xieraq tal-Fakultà/dipartiment jew lill-panil ta' superviżjoni għal studenti individwali jew gruppi ta' studenti. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni jew li (i) jingħataw estensjoni tal-perjodu ta' studju biex l-istudenti jkunu jistgħu jtemmu d-dissertazzjoni; jew (ii) jtemmu l-istudji qabel il-waqt jekk il-kumitat rilevanti tal-Fakultà/dipartiment jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi; sakemm li għal (i) il-perjodu tal-estensjoni tal-istudji jkun skont ir-regolament 19; u li għal (ii), l-istudent jista' jappella l-każ tiegħu quddiem is-Senat fi żmien 15-il ġurnata mill-avviż ta' tmiem l-istudji.

(2) Il-Bordijiet għandhom jiżguraw li:

(a) modifika sostanzjali fit-titolu jew fil-kontenut tad-Dissertazzjoni, talbiet għal estensjoni tal-istudji jew għas-sospensjoni tal-istudji jkunu kkunsidrati u deċiżi mingħajr dewmien;

(b) ir-riċerka tal-istudenti ma tkunx imfixkla b'ċirkostanzi mhux previsti, bħal meta superviżur jkun assenti għal żmien twil; u

(ċ) talbiet mill-istudenti dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-istudji tagħhom (inkluża talba biex jibdlu s-superviżur prinċipali tagħhom jekk ikun hemm raġunijiet serji) jkunu kkunsidrati adegwatament.

**Il-Valutazzjoni tad-Dissertazzjonijiet għal Grad ta' Master's**

65. (1) Id-dissertazzjonijiet ippreżentati għal grad ta' Master's għandhom:

(a) ikunu xogħol ta' natura avvanzata jew oriġinali fil-Qasam ta' Studju;

(b) jissodisfaw lill-Bord tal-Eżaminaturi dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni; u

(ċ) jissodisfaw ir-rekwiżiti kif provdut fl-Ordinamenti u fil-linji gwida rilevanti dwar il-format u t-tul.

(2) Għad-Dissertazzjonijiet li jkunu assenjati 60 krettu jew aktar, il-Bord tal-Eżaminaturi, wara li l-membri jkunu qraw u mmarkaw id-Dissertazzjoni, għandu jsejjaħ lill-istudent għal eżami orali, ħlief meta il-Bord tal-Eżaminaturi jaqbel li d-Dissertazzjoni hi ta' kwalità batuta, f'liema każ għandha tkun ippublikata il-marka u l-grad li biha l-istudent ma jgħaddiex. Fil-każ li student ikun meħtieġ jerġa jisottometti id-Dissertazzjoni wara li jagħmel tibdil sostanzjali, il-Bord tal-Eżaminaturi, jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jerġa' jeżamina lill-istudent oralment. It-tieni eżami orali għandu jsir dejjem fil-każ meta student jissottementi mill-ġdid id-Dissertazzjoni għal valutazzjoni wara li jkun weħel fiha. Fil-każijiet fejn id-Dissertazzjonijiet huma ta' kwalità batuta u l-istudent ma jgħaddiex u ma jiġix imsejjaħ għal eżami orali, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jsejjaħ eżami orali fil-valutazzjoni mill-ġdid;

(3) Għad-Dissertazzjonijiet li jkunu assenjati anqas minn 60 krettu:

(i) għandu jsir eżami orali jekk indikat fil-Metodu ta' Valutazzjoni tat-Taqsima Studju tad-Dissertazzjoni. Jista' jsir it-tieni ezami orali, fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-eżaminaturi f'każijiet ta' studenti li jkun jiħtieġilhom jerġgħu jissottomettu id-Dissertazzjoni wara li jkunu għamlu tibdil sostanżjali jew f'każijiet ta' studenti li jissottementu mill-ġdid id-Dissertazzjoni għal valutazzjoni wara li jkunu weħlu fiha;

(ii) jekk eżami orali ma jkunx indikat fil-Metodu ta' Valutazzjoni tat-Taqsima Studju tad-Dissertazzjoni, jkun jista' jsir f'każijiet fejn il-kwalità tad-Dissertazzjoni tkun bejn li student jgħaddi jew jeħel, f'każijiet fejn l-istudent jissottementi mill-ġdid id-Dissertazzjoni għal valutazzjoni wara li jkun weħel fiha jew f'każijiet fejn ma jkunx intlaħaq qbil kunsenswali bejn il-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi.

(4) Għal kull xogħol ieħor li l-istudenti jeħtieġ li jagħmlu jew jissottomettu, minflok il-kitba tad-Dissertazzjoni, l-istudenti għandhom jigwidaw ruħhom mil-linji gwida mogħtija mill-Bord jew kif ikun indikat fl-Ordinamenti tal-kors.

(5) Is-Superviżur prinċipali, wara li jikkonferma mal-amministratur tal-Fakultà li l-istudent huwa eliġibbli li jissottometti d-Dissertazzjoni skont ir-regolament 60 (6), għandu jiddikjara bil-miktub fuq il-formola xierqa, li hu nformat li l-istudent ikun qed jissottometti id-Dissertazzjoni għall-eżami mill-Bord tal-eżaminaturi.

(6) Il-rwol ta' superviżjoni tas-superviżuri prinċipali u tal-ko-superviżuri għandu jieqaf meta d-Dissertazzjoni tiġi sottomessa għall-eżami. Ir-rwol jista' jkompli, fuq il-parir tal-Bord tal-Eżaminaturi, sabiex jipprovdu gwida lill-istudent li d-dissertazzjoni tagħhom tkun ġiet riferuta lura lilhom għal korrezzjoni sinifikanti qabel ma tkun aċċettata bħala finali.

(7) L-ebda Dissertazzjoni ma għandha tkun aċċettata jekk tkun identika fis-sustanza ma' dokument diġà sottomess għal grad f'din l-Università jew f'xi università oħra jew għal xi materjal ippubblikat ieħor. L-istudenti, madankollu, m'għandhomx ikunu preklużi milli jinkorporaw xogħol li sar qabel jekk dan ikun meħtieġ għall-preżentazzjoni u biex jiftiehem aħjar ix-xogħol tagħhom, sakemm li n-natura u l-firxa ta' dan ix-xogħol ikunu indikati b'mod ċar fid-Dissertazzjoni nnifisha.

66. (1) Għal Dissertazzjonijiet assenjati 60 krettu jew aktar, il-Bord tal-Eżaminaturi, wara li l-membri jkunu qraw u mmarkaw id-Dissertazzjoni, u wara li jsir l-eżami orali skont ir-regolament 65 (2), għandu jew:

(a) japprovaha bla kundizzjonijiet jew suġġett għal korrezzjoni ta' żbalji minuri li l-istudent ikun obbligat jirranġa fi żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżamijiet u għas-sodisfazzjon taċ-*Chair* tal-Bord tal-Eżaminaturi b'konsultazzjoni mas-Supervizur.

Jekk l-istudent ma jagħmilx it-tibdiel skont kif mistenni, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jagħti marka u grad lil verżjoni oriġinali tad-Dissertazzjoni;

(b) japprova l-prestazzjoni tal-istudent fl-eżami orali iżda jissuġġerixxi korrezzjonijiet kbar għad-Dissertazzjoni li waqt li ma tkunx ta' livell li l-istudent jeħel, ikollha bżonn titjib sinifikanti. Meta l-istudent jerġa' jissottometti d-Dissertazzjoni mill-ġdid wara li jkun ikkoreġijha fiż-żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżaminaturi, ic-*Chair* tal-Bord tal-Eżaminaturi, b'konsultazzjoni mas-Supervizur, jara jekk l-istudent ikunx għamel it-tibdil kif indikat u jirraporta dwar dan lill-Bord tal-Eżaminaturi li jipproċedi biex jaqbel fuq il-marka li għandha tingħata lid-Dissertazzjoni, liema marka m'għandiex tkun ogħla minn 10 punti perċentwali mill-marka preliminari li tkun ingħatat oriġinalment; jew

(ċ) fil-każ meta l-kwalità tad-Dissertazzjoni tkun bejn li student jgħaddi jew jeħel, jagħti parir lill-istudent li jagħmel korrezzjonijiet estensivi biex jilħaqq il-livel li jgħaddi b'marka minima (i.e. 50% / Grad D). L-istudent jkun obbligat jagħmel il-korrezzjonijiet fi żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżaminaturi. Iċ-*Chair* tal-Bord tal-Eżaminaturi, b'konsultazzjoni mas-Supervizur, jerġa jara id-Dissertazzjoni kif ippreżentata mill-ġdid u jirraporta lill-Bord tal-Eżaminaturi dwar jekk l-istudent ikunx għamel it-tibdil meħtieġ u dan imbagħad jiddeċidi jekk għandiex tingħata l-anqas marka biex l-istudent jgħaddi, 50% / Grad D, jew marka li biha l-istudent ma jgħaddiex, bil-possibiltà ta' valutazzjoni mill-ġdid jekk l-istudent ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti; jew

(d) fil-każ ta' Dissertazzjoni ta' kwalità batuta, jiddikjaraw li l-istudent ikun weħel mid-Dissertazzjoni bil-possibiltà ta' valutazzjoni mill-ġdid jekk l-istudent ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(2) Fil-każ ta' Dissertazzjonijiet assenjati anqas minn 60 krettu, meta il-Metodu ta' Valutazzjoni jinkludi eżami orali skont ir-regolament 65(3)(i), il-Bord tal-Eżaminaturi, wara li l-membri jkunu qraw u mmarkaw id-Dissertazzjoni u wara l-eżami orali, għandu jew:

(a) japprovaha bla kundizzjonijiet jew suġġett għal korrezzjoni ta' żbalji minuri li l-istudent ikun obbligat jirranġa fi żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżamijiet u għas-sodisfazzjon taċ-*Chair* tal-Bord tal-Eżaminaturi b'konsultazzjoni mas-supervizur. Jekk l-istudent ma jagħmilx it-tibdiel skont kif mistenni, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jagħti marka u grad lil verżjoni oriġinali tad-Dissertazzjoni;

(b) fil-każ meta l-kwalità tad-Dissertazzjoni tkun bejn li student jgħaddi jew jeħel, jagħti parir lill-istudent li jagħmel korrezzjonijiet estensivi biex jilħaqq il-livel li jgħaddi b'marka minima (i.e. 50% / Grad D). L-istudent jkun obbligat jagħmel il-korrezzjonijiet fi żmien stabbilit mill-Bord tal-Eżaminaturi. Iċ-*Chair* tal-Bord tal-Eżaminaturi, b'konsultazzjoni mas-supervizur, jerġa jara id-Dissertazzjoni kif ippreżentata mill-ġdid u jirraporta lill-Bord tal-Eżaminaturi dwar jekk l-istudent ikunx għamel it-tibdil meħtieġ. Il-Bord tal-Eżaminaturi imbagħad jiddeċidi jekk għandiex tingħata l-anqas marka u grad biex l-istudent jgħaddi, 50% / Grad D, jew marka li biha l-istudent ma jgħaddiex, bil-possibiltà ta' valutazzjoni mill-ġdid jekk l-istudent ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) fil-każ ta' Dissertazzjoni ta' kwalità batuta, jiddikjaraw li l-istudent ikun weħel mid-Dissertazzjoni bil-possibiltà ta' valutazzjoni mill-ġdid jekk l-istudent ikun eliġibbli skont dawn ir-regolamenti.

(4) Jekk il-Bord tal-Eżaminaturi ma jirnexxilux jilħaq qbil kunsenswali dwar il-marka u l-grad finali, għandu jipproċedi skont ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009.

(5) Il-Bord m'għandux jagħti perjodu ta' aktar minn tliet xhur żmien biex student jagħmel korrezzjonijiet estensivi fil-każ ta' Dissertazzjoni li tkun bejn li l-istudent jgħaddi jew jeħel, u mhux aktar minn sitt xhur żmien biex student jirranġa u jerġa jippreżenta id-Dissertażżjoni għal valutazzjoni mill-ġdid wara li jkun weħel, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi li għandhom ikunu mniżżla fir-rapport tal-Bord tal-Eżaminaturi.

(6) Korrezzjonijiet estensivi kif meħtieġa mill-Bord tal-Eżaminaturi fil-każ ta' Dissertazzjoni li tkun bejn li l-istudent jgħaddi jew jeħel jistgħu isiru u jkunu ppreżentati darba biss.

(7) Meta student jeħel mid-Dissertażżjoni jista' jerġa jippreżentha għal valutazzjoni mill-ġdid darba biss.

**Il-Bordijiet tal-Eżaminaturi tad-Dissertazzjonijiet**

67. (1) Id-Dissertazzjonijiet imressqa għall-għoti tal-Grad ta' Master's għandhom ikunu evalwati minn Bord tal-Eżaminaturi maħtur mis-Senat għal dan il-għan, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) (a) Għad-Dissertazzjonijiet assenjati 30 krettu, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jkun magħmul għal anqas minn tliet membri, li wieħed minnhom jkun eżaminatur estern minn istituzzjoni barranija normalment maħtur fuq bażi ta' *non-visiting*;

(b) Għad-Dissertazzjonijiet assenjati aktar minn 30 krettu, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jkun magħmul għal anqas minn tliet membri u normalment għandu jinkludi eżaminatur estern minn istituzzjoni barranija;

sakemm li:

(i) fejn għandhom isiru eżamijiet orali u l-eżaminaturi esterni jkunu maħtura fuq bażi ta' *non-visiting,* il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jkun magħmul għal anqas minn erba' membri biex l-eżami orali jkun immexxi minn tliet eżaminaturi. L-eżaminaturi esterni għandhom ikunu maħtura skont kif stipulat fir-regolament 21 tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal- Università, 2009; u

(ii) meta l-eżaminatur estern ma jkunx preżenti għall-eżami orali, l-eżaminaturi l-oħra li jmexxu l-eżami orali għandhom iqisu kwalunkwe kummenti u suġġerimenti magħmula mill-eżaminatur estern.

(3) Is-superviżuri prinċipali u l-ko-superviżuri m'għandhomx jinħatru membri fuq Bordijiet tal-Eżaminaturi imma s-superviżur prinċipali għandu jkun mistieden jattendi għall-eżami orali bħala osservatur. Is-superviżur prinċipali jista' jikkontribwixxi waqt l-eżami jekk ikun mistieden mill-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi iżda dan għandu jirtira qabel id-deliberazzjoniet finali tal-Bord tal-Eżaminaturi; sakemm li jekk ikun hemm raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa, il-Bord jista' jitlob permess speċjali lis-Senat biex superviżur prinċipali jkun jifforma parti minn Bord tal-Eżaminaturi. Jekk iċ-ċirkostanzi jirrekjedu, iċ-*chair* jista' jistieden ukoll lill-ko-superviżur sabiex jattendi bħala osservatur.

(4) Il-Bord tal-Eżaminaturi għandhom jimxu mal-proċeduri għall-valutazzjoni tad-Dissertazzjonijiet ta' Master's li s-Senat jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti ta' Wara l-Ewwel Grad**

68. Għandu jkun maħtur Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent għal kull Kors ta' wara l-Ewwel Grad.

69. (1) Għall-programmi prinċipalment mgħallma, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri, inklużi d-Dekan/id-Direttur, jew delegat tagħhom, bħala *chair*, il-ko-ordinatur tal-kors, u mill-anqas membru ieħor maħtur mill-Bord.

(2) Fil-każ ta' programmi prinċipalment bir-riċerka, il-Bord tal-Ezaminaturi maħtur skont ir-regolament 67(2)(b) għandu jaġixxi bħala l-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent.

70. (1) Iċ-Ċertifikati ta' wara l-Ewwel Grad jingħataw mingħajr klassifikazzjoni.

(2) Id-Diplomi ta' wara l-Ewwel Grad u l-gradi għall-Master's jistgħu jingħataw f'xi waħda mill-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni (*Summa Cum Laude*)
Għadda b'Mertu (*Magna Cum Laude*)
Għadda (*Bene Probatus*).

71. Il-klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad tkun determinata mill-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent fuq il-bażi tal-Marka Medja Finali Mwieżna miksuba billi titqies il-medja tal-marki individwali miksuba għal kull Taqsima Studju, b'kull marka mwieżna bil-valur tal-kretti tat-Taqsimiet Studju korrispondenti, sakemm li l-Ordinamenti jistgħu jħallu li l-kretti assenjati għad-Dissertazzjoni jkunu mwiezna b'fattur ta' mhux aktar minn 1.5. Il-

Marka Finali Mwieżna hekk miksuba għandha għandha tiġi rreġistrata korretta sal-eqreb numru sħiħ.

72. (1) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent għandu jikkonsulta l-linji gwida li ġejjin meta jiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni finali tad-Diplomi ta' wara l-Ewwel Grad u tal-gradi ta' Master's:

| **Il-Marka Medja Finali Mwieżna** | **Il-Klassifikazzjoni** |
|---|---|
| 80 – 100% | Għadda b'Distinzjoni |
| 70 – 79% | Għadda b'Mertu |
| 50 – 69% | Għadda. |

(2) L-istudenti li l-Marka Medja Finali Mwieżna tagħhom tkun bejn 0 u 49% ikunu kkunsidrati li naqsu li jikkwalifikaw għal kwalunkwe Rikonoxximent ta' wara l- Ewwel Grad.

(3) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jagħti Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad bi klassifikazzjoni aktar għolja minn dik indikata fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament lil studenti li l-Marka Medja Finali Mwieżna tagħhom hija sa ħames marki anqas mill-minimu għall-klassifikazzjoni, sakemm li l-istudenti li jkollhom l-istess Marka Medja Finali Mwieżna jew Marka Medja Finali ogħla lkoll jingħataw ir-Rikonoxximent bl-istess Klassifikazzjoni ogħla. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent huwa meħtieġ iniżżel id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha.

(4) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' ukoll jagħti Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad bi klassifikazzjoni aktar baxxa minn dik indikata fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, sakemm li l-istudenti li jkollhom l-istess Marka Medja Finali Mwieżna jew Marka Medja Finali aktar baxxa f'dik il-kategorija lkoll jingħataw ir-Rikonoxximent bl-istess Klassifikazzjonin aktar baxxa, u sakemm li l-ebda student ma jingħata r-rikonoxximent b' Marka Medja Finali Mwieżna ta' anqas minn 50%. F'dawn il-każijiet, il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent huwa meħtieġ jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Bord li għandu jniżżel id-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni għaliha. L-istudenti kkonċernati jistgħu jappellaw lis-Senat kontra d-deċiżjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjoni.

**Il-Konsegwenzi ta' Meta Studenti Jirtiraw minn Kors**

73. (1) Meta student jabbanduna kors, kemm jekk minn jeddu u kemm jekk għax ma jkunx eliġibbli jkompli fil-kors skont dawn ir-regolamenti, u sakemm l-Ordinamenti tal-kors partikulari ma jipprovdux l-għoti ta' rikonoxximent għall-parti tal-Kors li jkun temm b'suċċess, hu għandu jingħata l-għotja ta' Ċertifikat ta' wara l-Ewwel Grad fil-General Studies (PG. Cert. Gen. St.) jekk ikun għadda b'suċċess minn Taqsimiet Studju mgħallma assenjati mill-anqas 30 krettu.

(2) Meta student jabbanduna kors, kemm jekk minn jeddu u kemm jekk għax ma jkunx eliġibbli jkompli fil-kors skont dawn ir-regolamenti, u sakemm l-Ordinamenti tal-kors partikulari ma jipprovdux l-għoti ta' rikonoxximent għall-parti tal-Kors li jkun temm b'suċċess, hu għandu jingħata l-għotja ta' Diploma ta' wara l-Ewwel Grad fil-General Studies (PG. Dip. Gen. St.) jekk ikun għadda b'suċċess minn Taqsimiet Studju mgħallma assenjati mill-anqas 60 krettu.

**Id-Dħul mill-Ġdid f'Kors ta' wara l-Ewwel Grad**

74. L-istudenti li jkunu irtiraw minn kors jistgħu jitħallew jidħlu lura fil-kors biss skont kif stipulat fir-Regolamenti tad-Dħul, 2016. Fil-każ li jitħallew jerġgħu jidħlu, huma jkunu meħtieġa jsegwu l-Programm ta' Studju li jkun applikabbli għal dik is-sena. L-istudenti li jerġgħu jidħlu wara li jkunu weħlu fil-kors ikunu meħtieġa jsegwu t-taqsimiet studju kollha, anke dawk li jkunu għaddew minnhom fil-kors li kienu weħlu minnu.

**L-Assenjament ta' Dmirijiet ta' Tagħlim lil Studenti**

75. (1) L-istudenti rreġistrati għal grad ta' Master's prinċipalment bir-riċerka jistgħu jkunu meħtieġa jgħinu fl-attivitajiet tal-Fakultà għal mhux aktar minn 100 siegħa fis-sena, sakemm dan id-dmir ma' jkunx f'kunflitt max-xogħol ta' riċerka tagħhom.

(2) Il-kriterji għat-tqassim ta' dawn id-dmirijiet lill-istudenti għandhom ikunu ekwi u trasparenti.

(3) L-istudenti involuti f'attivitajiet ta' tagħlim għandhom ikollom membru tal-istaff akkademiku assenjat lilhom biex jigwidhom u jtihom pariri. Għandu ukoll jingħatalhom pariri u faċilitajiet biex ikun żgurat li jgħallmu b'mod effettiv u jkunu gwidati u mgħotija pariri inkluż taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà.

(4) Għal xogħol bħal dan, l-istudenti għandhom ikunu mħallsa bir-rati standard approvati mill-Università.

**Id-Dritt tal-Awtur u l-Proprjetà Intelletwali**

76. L-istudenti huma obbligati li josservaw il-Il-Politika tal-Università dwar il-Proprjetà Intellettwali.

**L-Aċċess Liberu għad-Dissertazzjonijiet**

77. Skont il-Politika tal-Aċċess Liberu tal-Università ta' Malta, il-Librerija tal-Università tipprovdi aċċess liberu għall-kopji elettroniċi tad-Dissertazzjonijiet ppreżentati għal grad ta' Master's li jkunu ngħataw Grad A u tpoġġihom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università.

**L-Informazzjoni Kunfidenzjali**

78. (1) L-Informazzjoni kunfidenzjali tinkludi, imma mhiex limitata għal, għarfien ta' taħriġ, informazzjoni, metidolġiji u manwali; *workbooks;* dikjarazzjonijiet ta' prattika operattiva; speċifikazzjonijiet; tpinġijiet; disinji; formuli; skoperti; invenzjonijiet; informazzjoni teknika; proċessi ġenerali; *notebooks* tal-laboratorju; manuskritti; *software*; informazzjoni dwar il-metodi, kunċetti u metodi ta' teknika li fuqhom is-*software* hija bbażata; kampjuni; finanzi; mudelli finanzjarji; ipprezzar u informazzjoni kummerċjali oħra; pjanijiet ta' negozju; pjanijiet ta' kummerċjalizzazzjoni; u kwalunkwe informazzjoni meqjusa bħala sensittiva mill-Kumitat tal-Etika tar-Riċerka tal-Università:

sakemm li l-informazzjoni li ġejja m'għandiex tkun ikkunsidrata bħala informazzjoni kunfidenzjali jekk:

(a) tkun diġà magħrufa mill-istudent u ma tkunx suġġetta għal kwalunkwe obbligu ta' kunfidenza mill-istudent lill-Università;

(b) tkun jew issir magħrufa pubblikament mingħajr l-att jew ommissjoni tal-istudent;

(ċ) tinkiseb mill-istudent minn parti terza bi dritt validu li jiżvela din l-informazzjoni kunfidenzjali, sakemm il-parti terza ma tkunx taħt obbligu kunfidenzjali lill-Università;

(d) tkun approvata bil-miktub minn rappreżentant awtorizzat tal-Università li ssir pubblika; jew

(e) l-istudent huwa speċifikament meħtieġ li jiżvela informazzjoni bħal din skont xi liġi jew ordni ta' kwalunkwe Qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti.

(2) Data personali li tista' tiġi fil-pussess tal-istudenti u / jew li l-istudenti jistgħu jkunu esposti għaliha u / jew li l-istudenti jista' jkollhom aċċess għaliha meta jkunu qegħdin jagħmlu xi pjazzament u / jew prattika klinika biex ikomplu l-istudji tagħhom fl-Università għandha titqies ukoll bħala informazzjoni kunfidenzjali. L-istudenti huma marbuta li ma jiżvelawx informazzjoni kunfidenzjali bħal din. Barra minn hekk, jekk ikun hemm bżonn, l-Università tista' titlob lill-istudenti biex jiffirmaw ftehim speċifiku ta' kunfidenzjalità.

79. (1) Meta l-istudent iqis li xogħol evalwat tal-istudent għandu jibqa' kunfidenzjali matul jew wara li jtemm il-Programm ta' Studju jew ta' riċerka, talba biex dan jibqa' taħt embargo għandha ssir lill-Kumitat tal-Librerija. Il-Kumitat tal-Librerija għandu jikkonsulta mal-Fakultà kkonċernata qabel ma jieħu deċiżjoni. Il-perjodu tal-kunfidenzjalità approvat m'għandux normalment jeċċedi sentejn mis-sottomissjoni finali ta' dan ix-xogħol lill-Università. Madankollu, fil-każijiet fejn il-pubblikazzjoni tax-xogħol evalwat tal-istudent juri li jista' jkun ta' detriment għall-istudent jew għall-Università jew għall-'isponsor' jew għall-korp ta' finanzjament jew għall-persuni msemmija f'dan ix-xogħol, jista' jiġi approvat perjodu ulterjuri.

(2) Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-Università iżżomm id-dritt li titlob embargo ta' tax-xogħol evalwat tal-istudent. Fil-każ li x-xogħol evalwat tal-istudent huwa taħt embargo, l-istudent ikun marbut biex iqis il-kontenut ta' dan ix-xogħol bħala kunfidenzjali. Qabel kwalunkwe pubblikazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar il-pubblikazzjoni u l-isfruttament, kif iddettaljat fil-Politika tal-Proprjetà Intellettwali tal-Università ta' Malta għandhom japplikaw f'kull każ.

**Il-Konsegwenzi ta' Obbligazzjonijiet Mhux Mitmuma**

80. Student li jkollu obbligazzjonijiet lejn l-Università mhux mitmuma jew ikollu d-dejn mal-Università, m'għandux jitħalla jirreġistra mill-ġdid f'xi sessjonijiet ta' wara, u lanqas ma għandu jingħata għotja ta' wara l-ewwel grad lill-istudent li kellu dejn jew obbligazzjonijiet mhux mitmuma, jekk mhux bil-permess speċjali tar-Rettur.

**L-Imġieba Ħażina u/jew mhix xierqa fil-Professjoni**

81. (1) Fil-każ ta' studenti li jkunu qed isegwu korsijiet li jinvolvu xogħol ma' persuni vulnerabbli, l-Università tista' f'kull waqt tissospendi jew twaqqaf milli jibqa' miexi bl-istudji lil kull student li, wara li jkunu saru l-proċeduri investigattivi xierqa li s-Senat jista' jistabbilixxi għal każijiet bħal dawn, jitqies li ġab jew qed iġib ruħu b'manjiera li tipperikola l-ġid tal-individwu (kemm jekk ikun pazjent, student jew klijent) jew li tmur kontra l-kodiċi tal-imġieba professjonali rilevanti (jiġifieri, jimxi b'imġieba professjonali ħażina), jew li mġibtu titqies inkompatibbli ma' dak li titlob il-professjoni (jiġifieri, jimxi b'imġieba li ma tixraqx lill-professjoni).

(2) L-Università tista' titlob mingħand l-istudenti Ċertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija. L-istudenti għandhom jinfurmaw lill-Università jekk id-dikjarazzjoni fuq iċ-ċertifikat tagħhom tinbidel matul ir-reġistrazzjoni tagħhom f'xi kors tal-università, f'liema każ din id-dikjarazzjoni għandha tkun ikkunsidrata minn sotto- kumitat tal-Bord tad-Dħul maħtur mis-Senat għal dan il-għan.

**Il-Protezzjoni tad-Data**

82. (1) L-istudenti għandhom jirrispettaw il-proċeduri u / jew ir-regolamenti kollha applikabbli tal-protezzjoni tad-data tal-Università li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(2) L-istudenti għandhom jipproċessaw biss data personali li tista' tiġi fil-pussess tagħhom u / jew li jistgħu jkunu esposti għaliha u / jew li jista' jkollhom aċċess għaliha meta jkunu qegħdin jagħmlu xi pjazzament u / jew prattika klinika biex ikomplu l-istudji tagħhomfl-Università:

(a) kif meħtieġ għall-iskopijiet tal-pjazzament relevanti tax-xogħol u / jew tal-prattika klinika; u

(b) skont l-istruzzjonijiet kollha maħruġa mill-Università u / jew l-aġenzija / entità esterna rilevanti li tieħu ħsieb il-pjazzamenti f'dan ir-rigward.

(3) It-termini 'data personali' u 'ipproċessar (ta' data personali)' għandu jkollhom it-tifsiriet assenjati lilhom fir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali (Regolament (UE) 2016/679).

**Id-Dispożizzjonijiet Speċjali għall-Korsijiet *part-time***

83. (1) Bord jista', minn żmien għal żmien, joffri lill-istudenti l-opportunità li jsegwu kors fuq bażi *part-time.*

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta' hawn fuq għandhom jibqgħu jgħoddu *mutatis mutandis* għall-korsijiet segwiti fuq bażi *part-time* u jkunu suġġetti għal dawk il-bidliet li l-Bord relevanti jista' raġonevolment iqis meħtieġa minħabba in-natur fuq bażi *part-time* tal-kors.

(3) L-istudenti jistgħu jitħallew isegwu kors fuq bażi *part-time*, f'liema każ iż-żmien li jgħaddu fi studju fuq bażi *part-time* għandu, jekk mhux indikat fl-Ordinamenti għall-kors jew jekk f'ċirkostanzi speċjali jiġu miftiehma bil-miktub arranġamenti speċifiċi mill-Bord mal-istudent, jgħodd bħala nofs ta' dak meħtieġ fil-każ ta' studju fuq bażi *full-time*.

**Il-Provvediment Ġenerali**

84. Kull fejn fi kwalunkwe Regolamenti jew Ordinamenti ta' kors magħmulin skont l-Att tal-Edukazzjoni (Kap. 327) hemm riferenza għar-"Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad", minflok din ir-riferenza għandhom jidħlu dawn il-kliem "Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad".